IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.7.2016
COM(2016) 473 final

2016/0228 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar (10) Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-għan tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA) ġiet stabbilita fl-2003 fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou[1] u hija ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), jiġifieri barra mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-FPA sar wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni Afrika-UE dwar il-paċi u s-sigurtà. Ir-riżorsi finanzjarji tal-FPA għall-perjodu 2014-2016[2] huma taħt pressjoni severa. Bir-rata attwali tal-użu, dawn se jiġu eżawriti qabel tmiem il-perjodu. Ir-riżorsi għall-perjodu 2017-2018 għandhom ukoll ikunu kapaċi jirreaġixxu għall-ħtiġijiet u t-talbiet kontinwi mill-Unjoni Afrikana biex jiġu indirizzati l-kriżijiet tas-sigurtà li għaddejjin bħalissa u oħrajn emerġenti fl-Afrika, kif ukoll ċirkostanzi mhux previsti. Il-prevedibbiltà u s-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-FPA jridu jiġu żgurati. Il-ħtiġijiet finanzjarji tal-FPA sa tmiem l-2018 bħalissa huma stmati għal EUR 685 miljun.

Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) tal-Kunsill iddiskutew is-sostenibbiltà finanzjarja tal-FPA biex jiżguraw il-finanzjament sal-2018 fuq il-bażi tal-proposti tal-Kummissjoni[3]. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Mejju, il-Coreper approva kompromess mressaq mill-Presidenza[4] sabiex juża kombinazzjoni ta' fondi mill-għaxar (10) u l-11-il FEŻ.

L-għan ta' dan l-abbozz ta' proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill huwa li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex jintużaw fondi diżimpenjati mill-għaxar (10) FEŻ għar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika b'ammont addizzjonali sa EUR 491,38 miljun, li minnhom EUR 475 miljun se jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-FPA sa tmiem l-2018 u EUR 16,38 miljun se jkopru nefqa mġarrba mill-Kummissjoni. Biex dawn il-fondi jiġu kkumplimentati mir-riżerva tal-prestazzjoni ("réserve non-mobilisable"), il-fondi addizzjonali se jiġu mmobilizzati għall-FPA mill-11-ir riżerva tal-FEŻ (EUR 100 miljun mir-riżerva Intra-AKP soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel tat-talba tal-Unjoni Afrikana mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi tal-AKP u EUR 110 miljun mir-riżerva tal-Programmi Indikattivi Nazzjonali / Programmi Indikattivi Reġjonali (NIP/RIP)).

• Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

L-FPA huwa wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni Afrika-UE dwar il-paċi u s-sigurtà taħt l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE adottata f'Lisbona fl-2007. Fir-raba' (4) Summit Afrika-UE fl-2014, il-paċi u s-sigurtà ġiet ikkonfermata bħala wieħed mill-ħames oqsma ta' prijorità għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Konġunta.

Bħala segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tat-18 ta' Mejju 2015, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u s-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jivvalutaw il-potenzjal tal-istrumenti tal-Unjoni għall-indirizzar tal-bini tal-kapaċità b'appoġġ għas-sigurtà u l-iżvilupp (CBSD), inkluża l-fattibbiltà ta' adattament tal-FPA sabiex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet tiegħu. Sadanittant, huwa

---

1 Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000.

2 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4907 tal-15 ta' Lulju 2014.

3 Dok. 164/15 ACP tal-15.12.2015

4 Dok. 8662/16 tal-10.05.2016

importanti li l-FPA tkompli twassal u tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika tal-paċi u s-sigurtà tal-UE.

Din il-proposta, billi tikkontribwixxi għal kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-FPA sal-2018, fl-aħħar mill-aħħar se tikkontribwixxi wkoll biex isservi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), b'mod partikolari l-SDG Nru 16 "Il-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi għall-iżvilupp sostenibbli, l-għoti ta' aċċess għal ġustizzja għal kulħadd u l-bini ta' istituzzjonijiet effettivi, responsabbli u inklużivi fil-livelli kollha".

L-FPA normalment tiġi ffinanzjata mill-pakkett Intra-AKP tal-FEŻ. L-attivitajiet iffinanzjati mill-fondi addizzjonali allokati għall-FPA mir-riżerva tal-prestazzjoni ("réserve non-mobilisable") se jibqgħu konformi mal-għanijiet ġenerali u speċifiċi tal-FPA stipulati fl-istrateġija Intra-AKP[5].

Il-fondi addizzjonali ser jintużaw skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-ħdax (11)-il FEŻ. L-ipprogrammar ta' dawn il-fondi se jsir permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Programm ta' Azzjoni tal-FPA 2014-2016[6] u deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-Programm ta' Azzjoni tal-FPA 2017-2018 li jmiss. Fiż-żewġ każijiet, se tkun meħtieġa approvazzjoni mill-Coreper, kif previst mill-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-ħdax (11)-il FEŻ[7].

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

MHUX APPLIKABBLI

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern tal-ħdax (11)-il FEŻ[8].

L-Artikolu 1 (4) tal-11-il Ftehim Intern tal-FEŻ jirrikjedi li l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni tiegħu b'unanimità.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

MHUX APPLIKABBLI

Il-FEŻ huwa stabbilit minn ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u jipprevedi l-possibbiltà li jintużaw fondi diżimpenjati, jekk ikun hekk maqbul mill-Kunsill[9].

---

5 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 7766 tat-13/11/2015 dwar l-adozzjoni tad-Dokument ta' Strateġija 2014-2020 u l-Programm Indikattiv għall-kooperazzjoni Intra-AKP bejn l-Unjoni Ewropea u l-Grupp ta' Stati AKP

6 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4907 tal-15 ta' Lulju 2014.

7 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 (ĠU L 58 tat-3.3.2015, p.1)

8 Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1).

9 L-Artikolu 1(4) tal-11-il Ftehim Intern tal-FEŻ u l-Artikolu 61 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58 tat-3.3.2015, p. 17)

- **Proporzjonalità**

Il-proposta u b'mod partikolari l-ammonti proposti huma bbażati fuq analiżi komprensiva mill-SEAE / is-servizzi tal-Kummissjoni (Anness għal dok. tal-Kunsill 8662/16 tal-10.05.2016). Il-proposta tintegra gwida mill-KPS, pereżempju limitazzjoni applikata għal ċerti spejjeż (benefiċċji finanzjarji) u għalhekk, għall-kuntrarju għal dak li kien isir qabel, ma tkoprix bil-finanzjament mill-FEŻ biss il-ħtiġijiet ta' finanzjament kollha tal-azzjonijiet tal-Unjoni Afrikana f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi (PSOs). Din il-proposta hija bbażata wkoll fuq is-suppożizzjoni li kontributuri oħra se jikkontribwixxu għal sforzi finanzjarji. B'mod partikolari li l-Istati Membri tal-Unjoni Afrikana gradwalment se jissodisfaw l-impenn magħmul waqt is-Summit tal-Unjoni Afrikana f'Johannesburg, l-Afrika t'Isfel, f'Ġunju 2015, biex tintlaħaq 25 % tal-kontribuzzjoni tal-Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi (PSOs) sal-2020; u li donaturi oħrajn, inklużi n-NU, jikkontribwixxu wkoll. L-Istati Membri tal-UE għandhom ukoll il-possibbiltà li jżidu l-kontribuzzjonijiet volontarji. Fl-aħħar nett, il-proposta hija skont it-talba tal-KPS biex jittejjeb il-bilanċ tal-appoġġ tal-FPA bejn il-PSOs u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità.

- **Għażla tal-istrument**

Il-FEŻ huwa l-uniku sors ta' finanzjament tal-FPA fil-livell tal-UE. Minħabba l-limitazzjonijiet ġuridiċi, l-istrumenti eżistenti tal-UE ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ma jistgħux jintużaw għal operazzjonijiet b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża jew għall-appoġġ ta' benefiċjarji militari għal kompiti għajr dawk esplicitament ċivili.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

MHUX APPLIKABBLI

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

MHUX APPLIKABBLI

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

MHUX APPLIKABBLI

- **Valutazzjoni tal-impatt**

MHUX APPLIKABBLI

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

MHUX APPLIKABBLI

- **Drittijiet fundamentali**

L-FPA tappoġġa Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi mmexxija mill-Afrika, fejn it-theddida tad-drittijiet fundamentali tista' tkun problema. Minbarra dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem li jinsabu fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-11-il FEŻ, il-programm ta' azzjoni pluriennali 2014-2016 tal-FPA fih dispożizzjonijiet speċifiċi li jappoġġaw "l-integrazzjoni tal-linji gwida rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tan-nisa u t-tfal f'konflitti armati u r-rwol tan-nisa fir-riżoluzzjoni ta' konflitti, kif

ukoll l-applikazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1325, 1820 u 1612". Bħala eżempju konkret, it-taħriġ tal-gwardjani tal-paċi dwar id-drittijiet tal-bniedem huwa appoġġat permezz tal-FPA. Dawn id-dispożizzjonijiet huma msarrfa ulterjorment f'arranġamenti kuntrattwali tal-FPA mal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Xejn (il-FEŻ jinsab barra l-baġit tal-UE).

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar huma dawk applikabbli għall-11-il FEŻ u dawk previsti fi programmi ta' azzjoni pluriennali rilevanti. Huma inklużi wkoll miżuri addizzjonali rilevanti fl-"aide-mémoire" dwar il-miżuri biex tissaħħaħ il-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, iffirmati bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana fil-15 ta' April 2016, li għandhom jiġu rrispettati mill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana fl-implimentazzjoni tal-FEŻ fil-ġestjoni indiretta.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

MHUX APPLIKABBLI

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 paragrafu (1) tal-proposta jipprevedi li fondi diżimpenjati sa ammont massimu ta' EUR 491 387 500 minn proġetti taħt l-għaxar (10) FEŻ ser jiġu allokati għall-finijiet tar-rikostituzzjoni tal-FPA biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet finanzjarji pendenti tal-Programm ta' Azzjoni tal-FPA 2014-2016 u l-bżonnijiet finanzjarji stmati tal-Programm ta' Azzjoni 2017-2018.

L-Artikolu 1 paragrafu (2) jipprevedi li massimu ta' EUR 16 387 500 tal-ammont taħt il-paragrafu (1) ser jiġu allokati lill-Kummissjoni għan-nefqa ta' appoġġ. Dan jiġi kkalkulat billi jintuża l-istess proporzjon (3,45 %) bħal dak previst għall-ġestjoni tal-fondi tal-11-il FEŻ fl-Artikolu 1(2) (a) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ.

L-Artikolu 1 paragrafu (3) jipprevedi li r-regoli tal-11-il FEŻ ser ikunu applikabbli (Implimentazzjoni u Regolamenti Finanzjarji[10]).

L-Artikolu 2 jipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni.

[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58 tat-3.3.2015. p.1) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58 tat-3.3.2015, p.17).

2016/0228 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar (10) Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-għan tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea[11], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni C(2014)4907 tal-15 ta' Lulju 2014 dwar il-Programm ta' Azzjoni 2014-2016 tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika favur il-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana[12], allokat ammont totali ta' EUR 901 339 064.53 għall-Programm ta' Azzjoni 2014-2016 tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA). Minn dan l-ammont, EUR 900 000 000 huma mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u ta' EUR 1 339 064.53 minn kontribuzzjoni volontarja addizzjonali tar-Renju tad-Danimarka.

(2) L-Unjoni Ewropea diġà tagħti kontribut finanzjarju sostanzjali biex tappoġġa r-reazzjonijiet tal-Unjoni Afrikana għal kriżijiet attwali u emerġenti ta' sigurtà fl-Afrika. Diversi miżuri biex iżommu l-kontribut finanzjarju tal-FPA fl-livell sostenibbli ġew implimentati. Madankollu, is-sitwazzjoni attwali u dik futura ser jeħtieġu livell ogħla ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, inkluż permezz tal-FPA, biex tirrispondi għal domandi tal-Unjoni Afrikana.

(3) Il-ħtiġijiet addizzjonali tal-FPA għall-perjodu 2016-2018 huma stmati għal EUR 685 000 000.

(4) Huwa xieraq li jintużaw fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar (10) FEŻ biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament mhux issodisfati tal-FPA għall-2016, ċirkustanzi mhux previsti possibbli kif ukoll sabiex tkun żgurata l-prevedibbiltà tal-finanzjament tal-FPA sa tmiem l-2018.

(5) Il-fondi tal-FPA addizzjonali għandhom jiffinanzjaw l-attivitajiet tal-FPA, inkluż l-appoġġ għal operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-Afrikani (PSOs),

[11] ĠU L 210, 6.8.2013, p.1

[12] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014)4907 kif emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2015) 1254, C(2015) 4995 u C (2015) 8627.

appoġġ għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA), appoġġ għal azzjonijiet ta' impatt rapidu (Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Bikrija) u jkopru n-nefqa tal-appoġġ imġarrba mill-Kummissjoni.

(6) Dawn il-fondi għandhom jintużaw skont il-programmi ta' azzjoni pluriennali rilevanti tal-FPA[13] u skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ, kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2015/322[14] u 2015/323[15].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ammont sa massimu ta' EUR 491 387 500 mill-fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar (10) Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) jiġu allokati għall-għan tar-riforniment tal-FPA għall-perjodu 2016-2018.

Minn dan l-ammont, sa massimu ta' EUR 16 387 500 jiġi allokat għan-nefqa ta' appoġġ imġarrba mill-Kummissjoni.

Dawn il-fondi jintużaw skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-1l-il FEŻ.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[13] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4907 tal-15 ta' Lulju 2014.

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015, p.1).

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli ghall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17).